**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Ottubru 2019**

Kawza Numru: 1/2019MS

Anthony Farrugia

vs

Maria's Souvenirs Ltd

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta' Jannar 2019 li permezz tieghu l-attur talab li s-socjeta konvenuta tigi kkundanata thallasu s-somma ta' elf sitt mija u sitta u tletin Euro u disgha u sebghin centezmu (€1636.79) dovuti lilu ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija liema ammont baqa' ma tahallasx.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u l-avviz tas-smigh ma pprezentax risposta u lanqas dehret quddiem dan it-Tribunal biex tikkontesta t-talba.

Ra illi fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2019 Dr Joseph Ellis iddikjara li s-socjeta' konvenuta hallset is-sorte u talab li tinghata sentenza fuq il-kap tal-ispejjes.

Ra n-nota tal-attur pprezentat fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2019 fejn ceda s-sorte u zamm ferm il-kap tal-ispejjes.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-talba, l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' €1636.79 in konnessjoni ma' bejgh u konsenja ta' merkanzija provduti minnu lis-socjeta konvenuta.

In vista tan-nota fuq imsemmija it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tas-sorte u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjes tal-kawza.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*